Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 22**

**L-ERBGĦA 17 TA' LULJU 2013 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 5.45pm |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri R. Rossignaud u M. Fava flimkien mal-Viċi Sindku Dr. Justin Fenech kienu skużati minħabba raġunijiet ta' mard u xogħol

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

Din il-laqgħa kellha tibda' fil-5.30pm minħabba li kien hemm nuqqas ta' quorum. Kunsillieri preżenti fil-ħin kienu: Sur A. Curmi, Sur P. Fenech u Sinj. C. Said.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Sedutu nru.20 u 21 ġew approvati. Is- Sindku ppropona u l-Kunsillier A. Curmi ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex tingħata kopja ta' *timetable* li jsegwi l-kuntrattur tal-knis kull gimgħa. Il-Kunsillier A. Chetcuti informa li diġa' għadda kopja lill-Viċi Sindku pero' issa ħa jgħaddi kopja ta' dan id-dokument lil kull Kunsillier.

2. Huwa staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-iskejjel tal-lingwi fil-lokalita, rappreżentanti Feltom. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan il-meeting għadu ma sarx.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa mal-MEPA dwarl-UIF. Is-Sindku nforma li din il-laqgħa saret u li għaliha kien preżenti wkoll il-Perit tal-Kunsill. Il-Perit se jippreara ż-żewġ rapporti applikazzjonijiet, tal-Ġnien tat-Tennis Court u t-tibdil fi Triq il-Qasam.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx il-laqgħa mad-Dipartiment ikkonċernat fuq is-sit ta' Ċentru Ċiviku fi Triq il-Keffa dwar il-ħsarat li hemm fuq ġewwa ta' dan il-bini. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li din il-laqgħa saret u għaliha kien hemm preżenti s-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier M. Abela. L-uffiċċjali mid-Dipartiment infurmaw li x-xogħlijiet ta' tiswija diġa' bdew u se jitlestew mill-aktar fis.Is-Segretraju Eżekuttiv nforma w li għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija. Dan kien preżenti għal din il-laqgħa sabiex jirrimarka dwar l-uffiċini li se jingħataw lill-Pulizija biex jservu bħala Għassa.Għal din il-laqgħa kien kemm hemm preżenti wkoll is-Sur I. Schembri – id-Direttur Ġenerali tal-Propjeta' tal-Gvern. Dan id-Direttur ssostna li għalkemm saru diversi talbiet uffiċċjali mill-Kunsill lid-Dipartiment dwar it-transferiment tal-bini xorta hemm bżonn li timtela l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni.

   Devoluzzjoni

   Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jibda' l-proċess tad-devoluzzjoni. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

   Il-Kunsillier P. Fenech intervjena u informa sabiex il-Kunsill ma jidħolx jew jieħu responsabilta' tal-kumpless qabel ma jissewew il-ħsarat kollha.

5. Huwa staqsa għall-kopja ta' l-ittra li ntbagħtet lill-kuntrattur preżenti tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jgħaddilu kopja ta' l-aħħar ittra uffiċċjali li ntbagħtet.

HUGH ZAMMIT — SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT — SINDKU

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Mill-Kunsillier A. Curmi – ikompli

6. Il-Kunsillier reġa' staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet fuq il-mini fi Triq is-Swieqi għandhom bżonn jinżebgħu mill-aktar fis. Is- Sindku nforma li fil-futur qarib se jiltaqa' ma' l-*isponsors* li se jagħmel dawn ix-xogħlijiet.

7. Huwa nforma li residenza 149 fi Triq is-Swieqi, hemm bżonn li tinżabar is-siġra peress li din tista' tkun ta' ostaklu għal min juża' l-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa diġa pprova jagħmel kuntatt ma' dan ir-resident pero' peress li ħadd ma wieġeb, tħalliet nota mal-bieb.

8. Il-Kunsillier reġa' fakkar li s-sinjali tal-Bus Stop fi Triq is-Sidra għadhom ma ġewx rifreskati. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jfakkar lill-Kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet.

Mill-Kunsilier P. Fenech

1. Il-Kunsillier staqsa sabiex il-Kunsillieri jattendu għal-laqgħat fil-ħin peress li l-laqgħat qed jibdew tard minħabba nuqqas ta' qourom.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Minħabba l-problemi tas-sigurta' kull meta jintrama krejn fi Triq il-Qasam, is-Sindku propona biex kull permess li jingħata f' din it-triq u li minħabba f' hekk se tkun tingħalaq kareġġjata waħda tat-traffiku, irrid jkun hemm preżenti gwardjan lokali sabiex jidderġi t-traffiku u b'hekk jiġi eveitat li jsir xi aċċidenti u li tinħoloq konġezzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Huwa informa li riċentament irċieva telefonata minngħand is-Sinj. Willowbi. Din ċemplet biex tinfurmah li għalkemm kienet ibukkjata, is-saqqu li kellha għar-rimi baqa' ma ngabarx. Is- Segretarju Eżekutiv informa li hu indaga dwar din il-problma fejn ġie nfurmat li din il-persuna kellha toħroġ l-affarijiet għar-rimi f' ġurnata differenti minn dik li ħarġithom hi.

3. Rigward il-parkeġġ ta' ħdejn 7 vilel fi Triq il-Qasam, is-Sindku nforma li huwa m' huwiex daqshekk ċert bil-mod ta' kif ġew pjanati mill-Peirt tal-Kunsill, għaldaqstant huwa se jerġa' jiltaqa' mal-Perit dwar din il-problema.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – ikompli

4. Huwa nforma li hu flimkien mal-Kunsillier C. Said nhar it-Tlieta 2 ta'Lulju 2013 iltaqa' mal-ġenituri ta' tfal kollha li applikaw għal Skola Sajf 2013. Matul din il-laqgħa l-ġenituri kellhom l-opportunita' li jkunu nfurmati bil-proċedura ta' din l-iskola.

5. Ġie ppreżentat rapport ta' ħidma idettaljata li se jkun aness ma' dan il-Minuti – App. A.

6. Is-Sindku ppreżenta Mozzjoni nru.02/13 dwar *Memo 17/2013 – Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat on-line.* Huwa ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema sabiex jibbenifika mill-fondi massimi.Il-Kusillier A. Chetcuti ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv se jindaga ma' Kunsilli oħra dwar ir-rikjesti għal din is-sistema.

7. Is- Sindku rrapporta l-problema fil-bring-in-sites fil-Kumpless il-ġdid fi Triq il-Keffa. Wara diskuzzjoni l-Kunsill ideċieda li l-bins tal-ħadid u tal-karti jinbidlu għal ħġieġ u plastik. Fil-waqt li jsiru żewġ bins ħadid u ħġieġ fl-istess spazju li kienu qabel fi Triq it-Terz. Dawn iż- żewġ bins jitneħħew minn dawk eżistenti fi Triq il-Qasam. Għal kumplament tal-bins fi Triq il-Qasam, il-Kunsillier A. Chetcuti ħa l-inkarigu li jipprova jiddentifika post ieħor adattat. Il-Kunsill qabel ukoll li dan il-bdil jsir f'daqqa jiġifieri meta l-Kunisllier jkun iddentifika l-post ta' ċaqliq.

8. Huwa nforma li kellu laqgħa ma' uffiċjali tal-Pulzija dwar vetturi b' reġistrazzjoni barranija. Huwa ġie nfurmat li jista' jsir clamping ta' dawn il-vetturi li jkunu pparkjati f' postijiet ipprojbiti. Dwar dan, is-Sindku rrakomanda li jsiru kuntatti mal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillier M. Abela</u>

1. Hija ssuġeriet sabiex jiġu nstallati aktar diggy bins fiż-żona ta' Lourdes Lane. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li fl-store tal-Kunsill għandha għaxar bins. Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsillier Chetcuti se jiddentifikaw postijiet fejn dawn jistgħu jiġu nstallati.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li ħdejn il-bins ta' Triq ix-Xiber hemm ħafna skart. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart sabiex dan jitnaddaf mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela – tkompli

3. Il-Kunsillier issuġeriet sabiex jekk hu possibli l-ħaddiem manwali tal-Kunsill jnaddaf il-mirja li jkun hemm fit-toroq peress li hemm uħud minnhom li huma vera maħmuġin. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jinforma lill-ħaddiem b'din il-materja.

4. Hija nfirmat li kellha diveri rikjesti minngħand residenti biex Triq it-Tiben ssir one-way. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill b'vot unanimu iddeċieda li din issir one-way minn Triq it-Tiben għal Triq il-Faxxina u ħruġ għal Triq il-Qasam. Il-Kunsill talab sabiex il-Perit tal-Kunsill iħejji l-pjanti tar-rotta sabiex dawn jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni mit-Transport Malta ma' affarijiet oħra li hemm pendenti.

5. Rigward ix-xogħlijiet pendenti fil-Madliena, hija nfurmat li fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv se jiġi diskuss il-ftehim il-ġdid li ġie preparat mill-Viċi Sindku Dr. Justin Fenech.

6. Hija nforma li dwar Triq is-Sebħ / Triq St.Katerina se ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Għargħur għada ( 18.07.13) fis-6pm fl-uffiċini tal-Kunsill tal-Għargħur.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Huwa staqsa dwar meta l-Accountant il-ġdid se jibda' jaħdem. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li dan beda' llum bil-postings sabiex mill-aktar fis jibda' jiġi preparat l-ewwel Quarterly Report għal din is-sena.

2. Huwa staqsa li peress li fl-aħħar lista tal-kuntratti li l-Kunsill għandu fil-preżent bi żball, il-kuntratt tal-Perit ma kienx imniżżel, għandha terġa' tintbagħat lista oħra iktar *updated*. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiprepara din il-lista ħalli tiġi ċċirkulata lill-Kunsillieri kollha.

3. Il-Kunsillier staqsa sabiex jintbagħtulu kopji tal-Minuti tl-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena ta' din is-sena. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li se jgħaddilu kopja ta' dawn il-Minuti mill-aktar fis.

4. Rigwar l-iskip li tpoġġiet bħala esperiment fi Triq il-Qatta kantuniera ma' Triq il-Ħemmel, huwa ssostna li din għandha titneħħa peress li diversi persuni qed joħorġu l-iskart anke fil-ġurnata tal-Ħadd. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-residenti tal-madwar permezz ta' ittra sabiex jinfurmahom b' din id-deċiżjoni.

5. Il-Kunsillier nforma li ġiet nieqsa persuna li kienet toqgħod f' Lourdes Lane li kellha reserved parking. Il-Kunsillier staqsa sabiex tinkiteb ittra lit-Transport Malta sabiex din titneħħa.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi – ikompli

6. Il-Kunsillier reġa' staqsa għall-possibilta' ta' ħaddiem ieħor mill-iskema ta' l-ETC. Is-Segretraju Eżekuttiv informa li huwa ta' spiss jsaqsi lis-Sur G.Zammit pero' dan sa issa ma iddentfika l-ħadd pero' ġie mweiegħed li fil-ġimgħa li ġejja se jsiru *interviews* ma' xi persuni minn San Ġiljan. Il-Kunsill se jinżamm infurmat.

7. Huwa staqsa jekk intbagħtitx risposta lill-Ispettur sabiex issir laqgħa oħra mal-Pulizija nkarigati mill-vizzjijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakirgu li jiffissa dan l-appuntament.

8. Il-Kunsillier nforma li nqatgħet siġra ( Prinjolata Russa) protteta minn ġnien privata fi Triq is-Sidra u li intermiet fi trejqa biswiet l-ex Move n' Pick. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li se jivverfika jekk din it-tip ta' siġra hix mniżżla fuq il-lista.

9. Huwa rraporta dwar il-boundary wall baxx ta' open plot fi Triq is-Swieqi fil-viċinanza ta' l-istabbiliment Golossa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dwar dan se jirraporta lill-MEPA.

10. Il-Kunsillier staqsa dwar żvillupi tat-Tender ta' l-Outdoor Gym. Is-Segretraju Eżekuttiv informa li huwa segwa l-proċedura tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Meta jgħaddi żmien stabiliti, wara li jintbagħtu refusals, tinħareġ l-ittra ta' aċċetazzjoni.

11. Il-Kunsillier irraporta li reġa wasal żmien biex toħroġ kwotazzjoni tat-tindif tal-culverts. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li terġa' tinħareġ din il-kwotazzjoni.

12. Il-Kunsillier ppreżenta lista sabiex jiġu kjarifikati. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti – App. B.

Mill-Kunsillier C. Said

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk l-attivitajiet pjaniet għall Swieqi Fest hux se jsiru kollha fiċ-Ċentru Ċiviku. Dwar dan hija ġet infurmata li jkun aħjar jekk tikonferma mal-Viċi Sindku peress li huwa responsabbli minn dawn l-attivitajiet.

2. Hija staqsiet jekk hux possibli li għall-attivitajiet tas-Swieqi Fest jiġi mistieden il-vjolinist George Curmi peress li meta kien attenda għall-attivita' simili fil-lokalita fil-passat, ir-reseidenti apprezzaw ħafna il-wirja li kien ta. Il-Kunsill ma sabx oġezzjoni dwar dan. Il-Kunsillier M. Abela ħadet l-inkarigu li tagħmel kuntatt ma' din il-persuna.

3. Hija nfurmat li quddiem il-garaxxijiet fi Triq ir-Ratal hemm bżonn li jerġgħu jiġu rifreskati s-sinjali sofor. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inakrigu li jinforma lill-ħaddiem b' dawn ix-xogħlijiet ħalli jitpoġġew fuq il-programm ta' ħidma.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier nforma li dwar il-Park & Ride hu kellu laqgħa ma' diversi negozjanti minn stabillimenti f'Paceville. Din il-laqgħa saret bil-għan li l-parkeġġ fil-Parky & Ride ta' Pembroke jsir bla ħlas. Pero' dan jiddependi mill-laqgħa li se ssir ma' rappreżentanti mill-Arriva minħabba li fil-preżent dawn huma responsabbli minn din il-car park.

2. Huwa staqsa għal tindif aktar spiss fil-bring in sites li hemm fil-Kumpless il-ġdid ta' Triq il-Keffa.

3. Rigward il-proposta li jsir ġbir ta' skart il-Ħadd, ġie deċiż li din tiġi diskussa fis-Seduta li jmiss.

4. Huwa nforma li residenti ta' 132 u 133 fi Triq il-Bir għandhom bżonn jiżbru siġar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinfurmahom sabiex mill-aktar fis jiżbru sew lill dawn is-siġar.

5. Il-Kunsillier staqsa dwar il-possibilta' li meta jinżebgħu l-parking bays issiru sinjali wkoll fuq meta il-kurduna tal-bankina b'hekk jkun faċli li s-sewwieq jkun jaf sa fejn għandu jasal.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGEMENTI U XIRI IEĦOR

1. Il-lista ta' pagamenti nru.62 ġiet iċċirkulata mal-Kunsillieri kollha. Wara li kull pagament ġie vverifikat, din l-iskeda ġiet approvata b' mod unanimu wara li ġew aġġustati xi punti li rrimarka dwarhom il-Kunsillier A.Curmi.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma bil-bżonn li jinxtara software ġdid ( Sage Pastel) għal Accountant bi prezz ta' €700. Il-Kunsill approva dan ix-xiri.

2. Huwa nforma li bħalissa d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaddej b' diskussjonijiet ma' l-awtorijiet kompetenti dwar it-tnaqqis ta' taxxa u bolla fuq l-allowances u l-onorarja tas-Sindki.

3. Is-Segretraju Eżekuttiv nforma bil-ħtieġa li l-Kunsill huwa obbligat li jiftaħ żewġ kontijiet (Merchanct Accounts) wieħed mal-HSBC u l-ieħor mal-BOV. F' dawn il-kontijiet jkunu jistgħu jitħallsu permessi online għal dawk il-kuntratturi li jkunu jridu jaħdmu fil-lokalita'. Il-Kunsill approva dan.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV – ikompli**

4. Huwa nforma li kellu rikjest minngħand resident li l-karta ta' l-identita' tiegħu hija reġistratata Għawdex. Dan ir-resident qed jitlob konferma minngħand il-Kunsill li għalkemm dan ir-resident huwa rreġistrat Għawdex, huwa wkoll resident fis-Swieqi u għaldaqstant ma jkollux restrizzjonijiet ta' parkeġġ fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv dwar dan, ingħata parir bil-miktub li jesiġi li r-resident huwa biss resident fejn tkun irreġistrata id-dokument ta' l-iddentifikazzjoni.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u sar aġġornamet għal nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**